**Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A. (Mag. Jur.) Eur Law, LL.D.**

**Seduta tal-lum 1 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Josef Pace, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 29989(G), ta' 26 sena, iben Joseph u Tessie nee' Cauchi, imwieled Rabat, Ghawdex fil-5 ta' Lulju 1989 u residenti "St Anna Court", Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-27 ta' Lulju 2015 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (1.30pm) waqt li kien fil-limiti ta' San Lawrenz Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. Offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku (Art. 209 tal-Kap 9);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-5 ta' Dicembru 2013 moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Mag. Dr Edwina Grima LL.d.).

3. U aktar talli sr recediv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat fil-verbal tat-30 ta' Lulju, 2015 wiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi migjuba fl-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat a fol. 6 tal-process;

Illi dak li wassal sabiex jittiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat kien rapport maghmul lill-Pulizija minn Henrika Linda Swaziland fil-konfront tieghu kif dettaljat fir-rapport esebit a fol. 8 et seq tal-process fejn jinghad kif isegwi:

'Pfr reported today 29/07/205 at Victoria Police Station and stated that on Monday whilst she was at Dwejra near the Dwejra Tower a man shouted to her and she felt strange because there was no one else around. He was between 30 and 40 shaved head well built and mussled carry a white t-shirt and wearing black swim shorts. She started walking fast and he followed. When she arrived to the parking below the tower she saw him go to his car which was the only car on the parking lot. The car was burgundy red faded colour quite old with white text in stickers on the back window, three or four lines. The car was quite square like 80's or 90' Opel or Mitsubishi. Then he got in his car and drove to her opened his window and shouted do you want to come with me she said no thank-you he drove up the hill she started walking up the hill and noticed that the car had done a U-turn higher up and he stopped and looked down at her. When she came to the second bend on the road where the car had stopped she heard a crack in the bushes on the left side and saw the man with his pants down masturbating and looking at her, she got scared and ran towards San Lawrenz. She didn't see him again. '

Illi fl-istqarrija tal-imputat a fol. 10 tal-process, l-imputat ammetta li huwa proprjetarju ta' vettura tal-ghamla Hyundai Accent bil-kulur ahmar u li ghandha l-istickers imwahhlin maghha kif ukoll li fil-gurnata tat-Tnejn 27 ta' Lulju, 2015 wara x-xoghol fejn spicca fis-1.00p.m. huwa baqa' sejjer id-Dwejra ghaliex kellu mieghu zewg nases li mar jitfaghhom il-bahar ghall-vopi. Jghid li wasal hemm bejn is-1.30p.m. u s-2.00p.m. Jikkonferma li tefa' n-nasses fejn il-Gebla tal-General u qaghad hdejhom. Jghid li meta heles gabarhom u telaq 'il fuq ghaliex kien qabad ftit hut. Mistoqsi jekk huwa u tiela' kellimx persuna barranija u prova jkellimha jghid li huwa ra madwar sitt koppji u li ma prova jkellem lil hadd minnhom. Mistoqsi specifikatament jekk staqsiex lill-persuna barranija sabiex tirkeb mieghu hu jrrispondi li ma ghamilx dawn l-affarijiet. Jibqa' jsostni li fit-telgha ma ra lil hadd. Meta mistoqsi jekk huwa kienx waqaf fis-sigar ma' genb it-triq u dak il-hin il-persuna barranija ratu bil-qalziet ta' taht imnizzel u bil-parti privata tieghu barra huwa jghid li baqa' sejjer lejn id-dar. Finalment jikkonferma li l-karozza tieghu isuqha hu biss u li hu nizel biha d-Dwejra fis-27 ta' Lulju, 2015. Jikkonferma wkoll li huwa dik il-vettura biss ghandu.

Finalment mistoqsi jekk ghandux xi haga ohra xi jzid jghid:

'Jien dak ix-xoghol miniex ha naghmel ghax jien bi probation u qieghed taht terapija. Jien Dwejra l-bicca kbira dejjem ninzel nwaddab xi nassa.'

L-imputat ghazel li jkellem l-avukat ta' fiducja tieghu qabel ma ta l-istqarrija u ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu.

A fol. 13 sa 16 tal-process gew prezentati ritratti tal-vettura proprjeta' tal-imputat liema ritratti izda mhumiex bil-kulur. Mir-ritratti jidher izda li l-marki li din il-vettura ghandha fl-ispray taghha u l-kliem (stickers) li ghandha fuq wara jaghmluha facli hafna sabiex din tintaghraf minn vetturi ohra.

Rat ix-xhieda tal-kwerelanta Henrika Linda Annina Frykmen a fol. 29 et seq li fil-partijiet saljenti tax-xhieda taghha qalet kif isegwi:

'I was walking on Monday near the Dwejra tower, I was walking towards Xlendi, and when I turned back and I was alone when I was walking back towards the parking by the Dwejra tower, suddenly a man wearing black shorts, no top, carrying a white T-shirt, shouted something to me maybe twenty metres behind me. It didn't feel right because we were all alone, so I didn't say anything, just continued to walk, and kind of felt him walking behind me and I walked as quickly as I could to the parking lot. I had noticed there was when I left there was just one car parked on the upper parking lot right next to the tower. It looked very old and junky so I noticed it because it was the only one. I stopped by the road to drink and catch my breath and then I saw this man walking into that car, which was the only car, and he drove up to me, stopped next to me and asked if I wanted to ride or come with him and I just said, no, thank-you. And then he continued up the hill and I started walking up the hill and then I noticed that somewhere the car had done a U-turn and was stopped higher up the bend and i flet that looking at me so I didn't feel comfortable so I actually walked up only one other car were around so I walked when cars came and stopped and then when I came to that bend where the car was stopped I didn't see the car anymore, I was walking past the bend and I heard branches creak, like cracking branches to my left and when I looked into the bushes I saw the man there standing with his pants down and his private part in his hand and masturbating and that's when I just started running.'

Mistoqsija mill-qorti jekk taghraf lir-ragel li hija rat ix-xhud tghid 'I recognize his car more than his face because I never wanted to face him because I didn't feel comfortable' u fir-rigward tal-akkuzat tghid 'this person looks very much the same like the man I saw.' Fir-rigward tal-karozza tghid 'the car, yes the car was very distinct because it was the only one in the parking lot and I actually noticed it both on the way when I was just alone walking – it was red, it was very faded red, very old, it had like white patches because the sun I imagine had faded the colour and it had very distinct stickers on the back window, white writing that was quite large and I noticed that both when I saw it the first time and then obvioulsy when the guy drove next to me continued up.'

Mitluba taghti deskrizzjoni tal-persuna tghid kif isegwi:

'I think he was between thirty and forty (30 – 40) approximately. He had very little hair, though it looked like the head had been shaved or cut very very short. He was quite normal built musceled so not fat and very tanned and black shorts, nothing on top and carrying a T-shirt. . . white'.

Hija tikkonferma li d-data kienet is-27 ta' Lulju, 2015 u l-hin kien madwar is-1.30p.m. Murija r-ritratti tal-vettura esebiti fl-atti tghid li taghrafha specjalment mill-kliem fuq wara.

Il-kwerelanta mistoqija mid-difiza r-raguni ghalfejn damet biex taghmel ir-rapport tispjega li hija pruvat taghmel ir-rapport dakinhar stess izda l-ghasses ta' San Lawrenz u l-Gharb kienu maghluqa u fuq it-telephone hadd ma rrisponda: 'But I tried to do it Monday and on Tuesday and finally managed to do it on Wednesday.' Dan gie konfermat mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri fil-kontro-ezami tieghu fl-atti.

Mistoqsija kif jista' jkun li f'gurnata tas-Sajf fid-Dwejra ma kienx hemm karozzi hlief dik tal-imputat ix-xhud tispjega li kien hemm karozzi aktar 'il isfel izda mhux fejn dik tal-imputat kif isegwi:

'Of course, of course, but not where we met. There's lot of people down by the blue Azure Window. When you walk up from the tower towards Xlendi, no one.'

Mistoqsija mill-Qorti jekk meta rat il-persuna jaghmel l-att ratx il-karozza li kienet rat qabel tirrispondi:

'Witness: No. I wasn't looking for a car and afterwards frankly even less looking for a car – just running as fast as I could.

Court: So when was the last time that you saw this red faded car?

Witness: The last time I saw it it was when I was walking up and I noticed that it had turned around and was at the exact spot where I saw the man in the turn higher up. And then from there it left, I saw it continue somewhere, not down, because I was walking up and it did not come down and then after that I didn't see it anymore.

Court: And in the meantime did you see any other person coming down or up?

Witness: Not by foot, by car lots of people and I tried to move up with the case so that at every point if I would meet someone there would be the car.' (fol. 34)

Rat ix-xhieda ta' PS 1040 John Grima li kkonferma li fid-29 ta' Lulju, 2015 huwa kien ha ritratti tal-vettura tal-imputat fil-presenza tieghu. Konsegwentement dawn ir-ritratti kien urihom lil Henrika Linda Anna Freiman minn fuq it-tablet u li kienu bil-kulur u li kienet gharfet il-vettura li ddeskriviet fir-rapport li kienet ghamlet lill-Pulizija (fol. 38 et seq). Ix-xhud jghid li fuq il-post tal-incident ma marx u li l-allegata vittma rat biss ir-ritratti u mhux il-vettura proprja.

A fol. 48 et seq tal-process xehed l-Ispettur Bernard Spiteri li kkonferma r-rapport u kif gew investigati l-fatti u wkoll illi l-istqarrija moghtija mill-imputat inghatat wara li huwa ghazel li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu, kif jirrizulta mill-istqarrija dakinhar kienet Dr. Deborah Mercieca. L-Ispettur jikkonferma li l-kwerelanta gharfet il-vettura tal-imputat mir-ritratti li gew murija lilha. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kwerelanta f'xi mument ratx lill-imputat barra mill-awla waqt l-investigazzjoni u jekk kienx hemm xi tip ta' identifikazzjoni jghid kif isegwi:

'Waqt l-investigazzjoni saret identifikazzjoni u hija qablet li d-deskrizzjoni tieghu kienet simili hafna ghal dak li kienet rat jukejn qabel hija.'

Ikompli jikkonferma li fil-fatt il-kwerelanta kienet rat lill-imputat gewwa l-ghassa. Jghid li ma hassewx il-bzonn li jmorru fuq il-post ai fini ta' investigazzjoni.

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 67 et seq l-Ispettur Spiteri jikkonferma l-versjoni tal-kwerelanta li l-ghasses ta' San Lawrenz u tal-Gharb kienu maghluqa fil-granet msemmija minnha.

Rat il-vera kopja tad-decizjoni fil-konfront tal-imputat datata 5 ta' Dicembru, 2013 fejn fuq l-akkuzi segwenti:

'1. B'eghmil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta' u cioe' – omissis – ta' 14-il sena (art 203.(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku (Art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali persuna taht l-eta' sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew stimulata jew riti ta' organi sesswali liema reat sar meta l-persuna ta' taht l-eta' hija vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-artikolu 208 AC (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. u aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkustanzi ta' fastidju lil – omissis – ta' 14-il sena b'mod li kien jaf u/jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna Art 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. u aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex nhar it-23 ta' Jannar 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra. '

kien gie deciz kif isegwi (fol. 54 et seq):

'wara li rat l-artikolu 203 A, 209, u 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuzi, issibu hati tal-kumplament ta' l-akkuzi u tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 A tal-Kapitolu 9, u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tliet snin mil-lum.

In oltre wara li rat l-artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqiegħed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum u dana taht is-supervizjoni tal-Probation Carmen Nygaard. L-imputat ghandu jara illi jattendi is-sezzjonijiet ghand il-psikoterapista Dr. Paul Sammut.'

Rat li l-imputat ghazel li jixhed u x-xhieda tieghu tinsab a fol. 69 et seq tal-process. L-imputat jixhed li fil-gurnata tat-Tnejn u kien f'Lulju kien mar ghax-xoghol normali u minhabba li llesta daqxejn kmieni jghid li baqa' niezel id-Dwejra. Din id-darba jghid li wasal hemm ghal xi saghtejn u jghid li kkalkula li ghamel hemm madwar siegha u nofs. Jghid li l-karozza tieghu kienet fejn it-torri u li kien hemm in-nies. Jikkonferma li kien bil-karozza tieghu Hyundai Accent, hamra u li hija l-unika karozza tieghu. Jikkonferma li ghandha l-istickers fuq wara u jaraf il-karozza tieghu fir-ritratti esebiti a fol. 13 u 14 tal-process. Jghid li huwa mar lura d-dar normali u kien biss xi tlett ijiem wara li cemplulu biex imur l-Ghassa tar-Rabat.

L-imputat mistoqsi jekk x'hin rikeb il-karozza u beda tiela' waqaf xi hin jghid:

'Jiena kif irkibt gol-karozza minn gol-parking, ma waqaftx, ghax one, l-anqas hemm fejn tieqaf u minn hemm isfel jien bqajt tiela' 'l fuq lejn id-dar.'

Jghid ukoll li inti u tiela' l-karozza ma tista' tipparkja mkien jekk mhux f'nofs it-triq.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fit-trattazzjoni tal-partijiet, filwaqt li l-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi u nsistiet li l-akkuzi jirrizultaw, l-Avukat difensur tal-imputat fost affarijiet ohra sostna illi ghal dak li gara fil-parti t'isfel tad-Dwejra ma hemm l-ebda reat ai termini tal-artikolu 209 tal-Kap. 9. Fir-rigward tal-bqija tal-incident kif deskritt mill-kwerelanta d-difiza ssostni li hemm zewg versjonijiet kompletament diversi u ghalhekk hemm konflitt ta' provi. Id-difiza tinsisti li l-imputat kien konsistenti fl-istatement u fix-xhieda tieghu u tghid li fl-ebda hin ma cahad li huwa kien id-Dwejra u ta' spjegazzjoni ta' x'kien qed jaghmel. L-imputat jichad li huwa waqaf f'xi mument u li f'dawk il-hinijiet fis-Sajf id-Dwejra tkun mimlija nies mhux kif sostniet il-kwerelanta

u li t-triq in kwistjoni hija maghmula minn xahri u ghalhekk ma hemmx fejn wiehed jahbi vettura. Id-difiza tinsisti li l-fatt li r-rapport sar tlett ijiem wara jimmilita favur l-imputat u li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-pulizija fosthom li ma marrux fuq il-post, il-mod kif saret l-identifikazzjoni.

Illi l-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li bih jinsab akkuzat l-imputat jiddisponi kif isegwi:

'Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'disposizzjonijiet ohra tal-ligi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa.'

Illi f'dan il-kaz partikolari jirrizulta li l-kwerelanta tilmenta minn zewg episodji partikolari wiehed fejn tallega li l-imputat kellimha u staqsiha riditx titla' mieghu u iehor fejn aktar 'il fuq fit-triq tad-Dwejra tghid li rat lill-imputat bil-qalziet imnizzel, bil-parti privata tieghu f'idejh jimmasturba.

Din il-Qorti mill-fatti kif esposti f'dan il-kaz tqis li l-versjoni tal-kwerelanta dwar dak li hija ghaddiet minnu dak in-nhar tas-27 ta' Lulju, 2015 hija dik veritiera ghaliex ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn turista li kienet tinsab ghal ftit jiem vaganza kellha tivvinta storja bhal din u toqghod titlef il-hin taghha flok tgawdi l-vaganza tigri wara l-pulizija sabiex fl-ahhar irnexxielha taghmel ir-rapport ta' dak li gralha. Ghalhekk il-Qorti verament temmen u tqis li tressqu provi sufficjenti sabiex jigi evidenzjat li dak li l-kwerelanta ssostni li ghaddiet minnu dak in-nhar tas-27 ta' Lulju, 2015 verament sehh, il-kwistjoni izda hija jekk dan sarx mill-imputat jew persuna ohra.

Illi fir-rigward tal-incident li sehh fil-parti t'isfel tad-Dwejra l-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat li filwaqt li l-kwerelanta kienet fejn il-parkegg taht it-Torri hija verament rat lill-imputat jirkeb il-vettura pjuttost distingwibbli tieghu minhabba z-zebgha mtebba u l-istickers taghha u wkoll li ratu jsuq lejha u jistedinha biex titla' mieghu, hija rrifjutat u l-vettura baqghet tiela 'l fuq. Dan kollu l-imputat jichdu izda l-Qorti ma temminx din il-versjoni kemm ghaliex hu stess jammetti li kien fil-post fil-gurnata u l-hin indikat, kemm ghaliex huwa stess jammetti li hu biss isuq dik il-vettura kif ukoll minhabba li huwa ferm difficli li wiehed jitfixkel il-vettura tal-imputat ma xi vettura ohra u ghalhekk tqis li l-kwerelanta gharfet sew il-vettura tal-imputat. Izda sa dan il-punt il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Avukat difensur li ma jirrizulta l-ebda ghemil da parti tal-imputat li joffendi l-pudur jew il-morali, il- ai termini ta' l-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skont il-kwerelanta, li kif gia ddikjarat din il-Qorti, l-versjoni taghha giet emmnuta minn din il-Qorti, il-vettura bl-imputat fiha l-ewwel telghet 'il fuq imbaghad ghamlet U-turn u giet wicca 'l isfel thares lejn il-kwerelanta. Il-kwerelanta izda mbaghad tghid li sakemm hija baqghet tielgha l-vettura tal-imputat kienet regghet bdiet tielgha 'il fuq mbaghad ma ratiex aktar. Wara dan il-kwerelanta tghid li fis-sigar f'hin minnhom wara li semghet xi tkissir tas-sigar jew ahjar kif deskritti mix-

xhud 'bushes' tilmah ragel li hija ddeskrivietu ta' bejn it-30 u l-40 sena, mibni u mmuskolat bil-parti privata tieghu barra jimmasturba u jhares lejha. Tghid li dak il-hin il-vettura tal-imputat li kienet rat qabel ma rathiex u ma qaghditx tfittixha ghax kien mohha li tahrab u titlaq tigri minn hemm.

Il-kwerelanta mistoqsija, kemm mill-Pulizija waqt l-identifikazzjoni li saret fl-ghassa fejn kien prezenti biss l-imputat kif ukoll minn din il-Qorti, dwar jekk kinitx taghraf lill-imputat bhala l-persuna li kkommetta dan l-att fil-prezenza taghha zzomm lura milli tghid li iva tgharfu izda tghid li jixbah hafna l-identifikazzjoni li kienet ghamlet tieghu. Jirrizulta izda li l-imputat ghanu 26 sena filwaqt li hija ddeskriviet persuna ta' bejn it-30 u l-40 sena. Ir-riluttanza da parti tal-kwerelanta li tghid li kienet qed taghraf lill-imputat jevidenzja lil din il-Qorti li hija ma kinitx certa jekk kienx hu l-persuna mas-sigar jikkommetti l-att deskritt. Min-naha l-ohra l-fatt li l-vettura tal-imputat f'dan il-mument ma kinitx fil-vicinanzi nonostante li fis-sit in kwistjoni ma hemmx fejn tigi pparkjata vettura jekk mhux fit-triq u li zgur wiehed kien jaraha xejn ma jghin lil din il-Qorti sabiex hi stess taccerta jekk il-persuna li kien qed jikkommetti dak ir-reat kienx l-imputat jew persuna ohra.

Illi minn dak kollu suespost, din il-Qorti filwaqt li ma ghandhiex dubju li l-kwerelanta kienet qed tghid il-verita' mill-bidu sal-ahhar dwar dak li ghaddiet minnu dakinhar tas-27 ta' Lulju, 2015 fosthom li l-imputat kien kellimha fil-parti t'isfel tad-Dwejra minn gewwa l-vettura tieghu, tqis li fir-rigward tal-incident li sehh fejn is-sigar fejn fil-fatt sehh l-agir bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm tressqu provi sal-grad tal-probabbli li dan seta' sar mill-imputat u mhux terza persuna, fil-kamp kriminali l-prova li jehtieg li ssir ghandha tkun dik oltre r-ragonevoli dubbju u f'dan il-kaz il-Qorti ma tqisx li tressqet il-prova sal-grad rikjest mil-ligi. Il-Qorti tqis li l-Pulizija f'dan il-kaz setghet ghamlet naqra aktar sforz sabiex tigbor provi cirkustanzjali ohra bhal per ezempju li taccedi fis-sit, jigu prezentati ritratti tas-sit u t-triq in kwistjoni li setghu possibilment jghinu aktar lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni possibilment diversa, izda dan ma sarx.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u stante li l-principju applikabbli ghall-kaz odjern huwa dak tal-'***in dubbio pro reo***', din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi oltre r-ragjonevoli dubju, ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li tqis li l-akkuzi fil-konfront tal-imputat ma gewx sufficjentement pruvati u tilliberah minn kull akkuza.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur